Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414
.

## MINUTI TAS-SITT LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 9 ta' Settembru 2015 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 7.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA- SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI - MS |
| | | |
| **Kunsilliera** | Sinjura | MARISA ABELA- MA |
| | Sur | RAYMOND AZZOPARDI- RA |
| | Sur | RALPH CASSAR- RC |
| | Sur | JOHN DEBONO- JD |
| | Sur | ALEX MANGION- AM |
| | Sinjura | CONNIE SCERRI- CS |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD- SE |

Kulhadd kien prezenti u fil-hin.

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
Approvati unanimament.

**2. PUNTI MQAJJMA**
Is-Sur RC qal li rigward is-sinjali 'Share the Road' dawn m'hemmx ghalfejn permess biex jitwahhlu.
Rigward is-sejha ta' EU Consultant pubblikata fil-gazzetti is-Sur RC qal li kien hemm xi mistoqsijiet mibghuta bl-e-mail li twiegbu u li l-ahjar li jigi ffurmat Bord t'Aggudikazzjoni.

Is-Sur SC ssuggerixxa li l-Bord ikun kompost minn RC, JD U AM. Kulhadd qabel.

Dan il-Bord se jiltaqa' biex jiddiskuti t-Tnejn, 14 ta' Settembru 2015.

**3. KORRISPONDENZA**

Giet imressqa din il-korrispondenza:

- E-mail minghand Alliance Foundation/Food Bank Malta sabiex nipprovdulhom post fl-Ufficini tal-Kunsill minn fejn jitqassam ikel ghal dawk fil-bzonn. Sfortunatament il-post prezenti hu zghir wisq biex jakkomoda dawn is-servizzi pero' ma jeskludix li jsir fil-futur.
- Sleeping policeman fi Triq il-Gradilja. Il-konsultazzjoni man-nies giet lura fin-negattiv. Is-Sur MS ssuggerixxa li l-applikazzjoni ghal din issir xorta imma ssir fil-bidu qabel ma jibda l-bini. Kulhadd qabel.

**4. LIBRERIJA PUBBLIKA GDIDA PJANTI**
Il-Perit Edward Said wera *slide show* tal-pjanti l-godda ghall-librerija l-gdida li jekk il-pjanti jigu approvati ssir fi Gnien l-Istazzjon u li ha tkun replika tal-kmamar precedenti li kien hemm fl-istess stazzjon. Dawn il-pjanti fil-fatt qajmu nostalgija fil-kamra minhabba l-mod kif gew iddisinjati li juru precizament kif kienu qabel il-kmamar, imma fl-istess hin ghandhom xehta moderna fejn l-ixkaffar kollu jimxi u li l-gholi jippermetti li jiddahhlu skrivaniji qalb l-iskaffar fin-naha ta' fuq u li ha jkun hemm passagg mdawwar mad-dawra

kollha. Il-kuncett deher vera nteressanti u kif kompla qal il-Perti jista' jintuza bhalha librerija filghodu u tista' ssir per ezempju attivita' u riceviment filghaxija. Il-librerija se jkollha wkoll access ghall-*rest room, wheelchair* u tarag. Is-Sur RC qal li dan il-progett hu parti minn progett ikbar li huwa r-restawr tal-*embankment* kif ukoll marbuta ma' proposta ta' landscaping li jzid darba u nofs is-*soft areas.*

Is-Sur SC qal li ma tantx hemm fejn tista' tintmiss il-*kids play area* minhabba li dawn gew iddisinjati specifikament fuq standards ewropej.

Il-Perit spicca billi qal li stima approssimattiva hija ta' € 300,000. Il-Kunsill qabel li l-pjanti ghadhom jigu sottomessi l-MEPA u rigward fondi imbaghad il-Kunsill jipprova jfittex permezz tal-EU Consultant gdid.

**5. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI SETTEMBRU**

Approvati.

Is-SE talbet lill-Kunsill japprova li jinghataw l-arretrati fuq il-Perf. Bonuses tas-snin 2008 u 2011, skond il-ligi li tghid li l-Perf. Bonus jinghata biss jew massimu jew minimu. Hi qalet li meta nghataw ma gibditx l-attenzjoni bhal m'ghamlet is-sena l-ohra ghall-ligi li ma setghax jinghata triq tan-nofs u li dan kien zball genwin. Is-Sur RC qal li la ghaddew ghaddew u ma jaqbilx. Is-SE ntalbet tohrog il-barra. Kif giet lura inghatat risposta mis-Sindku li l-Kunsill ma qabilx.

**6. APPROVAZZJONI TA' RAPPORT TAL-KWART TAS-SENA APRIL - GUNJU**

Approvati.

**7. JUM Ħ'ATTARD/VIZITA DELEGAZZJONI**

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ghall-akkomodazzjoni kollox lest u ghandha tlett host families li lesti jiehdu koppji/persuni. Rigward id-*draft programm* dan qed jigi mhejji u ha jkun lest fil-granet li gejjin u sa laqgha ohra jigi finalizzat. Hi ssuggerit wkoll li galadarba d-delgazzjoni gejja bejn id-29 t'Ottubru u 2 ta' Novembru Jum Ħ'Attard ma jsirx fit-3 t'Ottubru imma s-Sibt ta' dak il-weekend. Is-Sindku ghamel kuntatt mal-banda dak il-hin u kulhadd qabel ma din il-proposta. Ghalhekk Jum H'Attard u Gieh Ħ'Attard se jsiru nhar il-31 t'Ottubru 2015.

In-nomini ghal Gieh Ħ'Attard jaghlqu nhar il-Gimgha, 9 t'Ottubru 2015.

Fuq Jum Ħ'Attard is-Sindku qal li qed jiddiskuti mal-banda fuq il-prezz flimkien ma' xi affarijiet ohra bhall-*booking* tas-Sala tal-iskola etc.

Is-Sur SC propona li ghall-ghazla min-nomini ta' Gieh Ħ'Attard ikun hemm Bord li fuqu ma jkunx hemm Kunsilliera. Gew proposti is-Sinjuri R. Bartolo, J. Bonnici u N. Gingell dejjem jekk jaccettaw. Is-Sur MS qal li la d-decizjoni finali hi tal-Kunsill m'hemmx lok ghalfejn jinhatar bord u jiddeciedi l-Kunsill stess. Kien hemm qbil fuq dan.

Is-Sur AM skuza ruhu ghax kellu appuntament iehor u ressaq malajr ilment fuq lifter li thalla bil-lejl u nhar fi Triq Victor Vassallo.

Is-Sindku qal li ga tkellem mas-Sid u suppost kellu jitnehha.
Is-Sur AM halla l-kamra.

**8. TRAFFIC MANAGEMENT TRIQ IL-LINJA/GHENBA U TOROQ TA' MADWAR.**

Is-Sindku propona li l-Kunsill jiltaqa' mal-Perit u jispjega ahjar hu minhabba li llum inzerta indispost.

**9. AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur RC ressaq dawn il-punti:

- Li fl-10 t'Ottubru hemm il-gbir ta' tessuti. Talab lill-istaff jorganizza l-facilita' ta' parkegg u qal li dakinhar hu sa jkun indispost. Is-Sindku qal li japprezza kull ghajnuna li tista' tinghata bejn id-9 u nofsinhar.
- Li l-Kunsill jappoggja l-inizjattiva tas-Sur Herman Schiavone li jsiru attivitajiet sabiex jingabru flus u ikel ghar-refugjalti. Din l-inizjattiva kienet qed tigi milqugha wkoll mit-tlett partiti politici w'ghalhekk il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni.
- Li hemm bzonn manutenzjoni fuq is-sinjali taz-*zebra crossings*. Is-Sur SC qal li tul dawn is-snin dejjem gew *maintained* b'xejn imma li se jsir xi forma ta' arrangament ma' Smart Light Systems fit-tul.
- Li t-tabelli indikatorji fi Triq Hal-Warda u Xatbet l-Art ghanhom bzonn jinbidlu ghax *faded.*
- Li Triq in-Nutar Zarb c/w Triq Hannibal hemm sigra ha taqa sabiex issir rapport lilll-Protezzjoni Civili.
- Saqsa fuq feedback rigward il-bankina u konok fi Triq Santa Katerina.
- Saqsa fuq sigra li nqalghet fi Triq San Anton. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li din inqalghet bil-permess tal-Mepa ghax kienet qed tinblokka d-drenagg.

Is-Sur SC ressaq dawn il-punti:

- Propona li tigi organizzata *tour* ghall-Wasteserv ta' 50 persuna. Kulhadd qabel.
- Propona li l-flus tar-Regjun Centru jitfaddlu sabiex isiru l-Ufficcini l-Godda. Qal ukoll li hemm bzonn jinfetah kont bankarju gdid li jkollu ktieb tac-cekkijiet mieghu sabiex il-kontijiet jithallsu bih. Kulhadd qabel.
- Propona li jsir *Traffic Management* fejn Triq San Anton minn Lord Strickland il-fuq lejn l-Ambaxxata ssir one-way. Kulhadd qabel.

Is-Sur MS ressaq dawn il-punti:

- Saqsa fuq bankina fi Triq Ganni Portelli li bhalissa qed isir parkegg fuqha sabiex tigi rrangata u ssirilha bhal rampa ghall-access ahjar. Is-Sur SC qal li ha jara l-kaz.

Is-Sur JD ressaq dawn il-punti:

- Talab tingabar statistika fuq kemm incidenti saru fi Triq il-Linja. Is-Sur Alfred Zammit qal li l-isleeping policeman li kien hemm Linja ma' Victor Vassallo kienet effettiva ferm.

Is-Sinjura CS ressqet dawn il-punti:

- Saqsiet fuq l-arbli tal-festa u t-toqob taghhom minhabba li wara li zarmaw thalla hafna njam u kien hemm minnhom mhux mghottija. Is-Sur SC qal li l-Kunsill ma jidholx f'dan il-kaz.
- Li rigward il-petizzjoni tal-istorbju hemm bzonn aktar firem u qed tahdem fuqha.
- Tkellmet rigward l-*after parties* tat-tigijiet li qed joholqu nkonvenjent minhabba storbju u li se jsir xi haga fuqhom zgur.

**10. AGGORNAMENT**

Il-laqgha giet aggornata ghat-Tlieta, 13 ta' Ottubru 2015 fil-5.30 ta' filghaxija.

Sindku Data